# KULLEĠĠ SAN BENEDITTU
# Skola Sekondarja, Ħal Kirkop

| Marka |
|---|
| |

## EŻAMI TA' NOFS IS-SENA – 2015/2016

**Livelli 8-7-6-5**

| IS-SEBA' SENA | L-ISTUDJI SOĊJALI | IL-ĦIN: SIEGĦA U NOFS |
|---|---|---|

**L-Isem: ___________________________** **Il-Klassi: ___________**

**Taqsima A**

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub.**

1. L-umiltà u l-onestà huma **v**__________ u prinċipji tajbin.

2. Huwa tajjeb li tgħin fil-komunità **l**______________ tal-belt jew raħal tiegħek.

3. Waqt l-elezzjonijiet iċ-**ċ**_____________tal-pajjiż imorru jivvotaw.

4. L-Identità **s**_____________ tifforma mill-mod kif inġibu ruħna fis-soċjetà.

5. Id-**d**____________ hija bżonjuża sabiex pajjiż jimxi 'l quddiem b'mod ġust.

6. Il-familja tissejjaħ grupp soċjali **p**______________**.**

7. Mal-ġirien għandna dejjem nuru **r**______________.

8. Kull ċittadin għandu **d**______________ li jobdi l-liġijiet tal-pajjiż.

9. Ir-**r**______________ hu l-funzjoni tiegħi f'dak il-grupp.

10. Grupp ta' nies li jgħixu flimkien u jkollhom xi ħaġa komuni bħal-liġijiet insejħulha s______________.

**[10 marki]**

---

**Taqsima B**

**Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B, billi tikteb in-numru fl-ispazju vojt, bħal fl-eżempju.**

| | | |
|---|---|---|
| 1. Il-paċi hija dritt | | jikkomunika ma' ħaddieħor. |
| 2. Il-ġeneru hu | | dixxiplina sabiex tkun tajjeb fih. |
| 3. L- Identità Nazzjonali hija mibnija | | t-tradizzjonijiet partikolari tiegħu. |
| 4. Il-valuri tajbin | **1** | li kull ċittadin għandu jgawdi minnha. |
| 5. Dmir hu | | l-bażi tas-soċjeta`. |
| 6. Ir-regoli li tagħtina s-soċjetà | | kif għandna nġibu ruħna fis-soċjetà. |
| 7. Il-bniedem hu maħluq biex | | dak li hu mistenni minni . |
| 8. Kull poplu għandu | | fuq storja, lingwa u kultura ta' poplu li jgħix fl-istess pajjiż. |
| 9. Kull sports għandu bżonn ammont ta' | | jgħinuna nimxu fit-triq it-tajba. |
| 10. Is-soċjalizzazzjoni huwa proċess li jgħallimna | | d-differenza soċjoloġika imposta fuq is-sess tal-persuna. |
| 11. Il-Familja hi | | jissejħu normi. |

**[10 marki]**

**Taqsima Ċ**

**Agħżel it-tajba billi taqta` sing taħtha.**

1. L-identità internazzjonali tista' tissejjaħ
    a. identità globali
    b. identità lokali
    ċ. identità soċjali

2. Individwu li jisma` l-opinjoni ta' ħaddieħor ngħidu li hu
    a. tolleranti
    b. ġeneruż
    ċ. giddieb

3. Soċjalizzazzjoni Sekondarja ssir
    a. fil-grupp tal-isports
    b. fil-familja
    c. man-nanniet

4. Waħda minn dawn hija valur jew prinċipju tajjeb
    a. paċenzja
    b. liġijiet
    ċ. egoiżmu

5. Wieħed li jagħti l-għajnuna lil ħaddieħor ngħidu li hu:
    a. onest
    b. altruist
    ċ. umli

6. It-tifsira tal-kelma dritt hi
    a. obbligu
    b. dak li nistenna mis-soċjetà
    ċ. dak li hu mistenni minnek

7. Il-Grupp jgħin sabiex

   a. noqgħod waħdi

   b. nitgħallem naħdem ma' ħaddieħor

   ċ. naħdem waħdi

8. Ħabib ta' veru huwa

   a. giddieb

   b. sinċier

   ċ. arroganti

9. Id-dritt għal-logħob

   a. mhux dritt

   b. huwa wieħed mid-drittijiet tat-tfal

   ċ. huwa ħela ta' ħin

10. Soċjeta` soda u stabbli hi mibnija fuq wieħed minn dawn:

    a. diżorganizzazzjoni

    b. għaqda

    ċ. gwerer

**[10 marki]**

| **Taqsima D** |
| --- |

Agħżel jekk hux **Veru** jew **Falz** billi taqta` sing taħtha u wara għid għaliex.

1. Kull raħal għandu l-identità lokali tiegħu.

   **VERU/FALZ**

   Għaliex?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2)

2. Bħala membru ta’ għaqda għandi nuri rispett lejn ħaddieħor.

**VERU/FALZ**

Għaliex?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2)

3. Il-grupp soċjali tal-ħbieb jgħin sabiex niġġieled ma’ ħaddieħor.

**VERU/FALZ**

Għaliex?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2)

4. Ċittadin għandu dmir li jaħseb għal rasu u ma jagħtix każ tal-post fejn jgħix.

**VERU/FALZ**

Għaliex?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2)

5. L-Istudju Soċjali jgħin sabiex nifhem kif taħdem is-soċjetà.

**VERU/FALZ**

Għaliex?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2)

**[10 marki]**

**Taqsima E**

**Aqra dawn is-sitwazzjonijiet sew u wara wieġeb x'kont tagħmel inti kieku sibt ruħek fihom. Kull mistoqsija għandha 4 marki.**

1. Fl-iskola ġie student ġdid fil-klassi. Minħabba li t-tifel huwa refuġjat mis-Sirja, għandu bżonn ftit iktar għajnuna sakemm jidhra s-sistema tal-iskola. Meta tkun l-iskola, kif tista' tgħinu lil dan it-tifel?

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________(4)

2. Il-ħabiba tiegħek qed iġġib ruħha differenti mis-soltu u int m'intix tħossok komda/u magħha. Kultant qed iġġib ruħha ħażin fil-klassi, titkellem kif jidhrilha u ma tagħmilx ix-xogħol tal-iskola. Kif tista' tgħinha?

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________(4)

3. Fi triqtek lura d-dar filgħaxija, tara żewġt irġiel jifqgħu it-tajer tal-karozza ta' dak li joqgħod maġenbkom. Kieku int x' tagħmel f'din is-sitwazzjoni? U lil min tmur tgħid jew tavża?

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________(4)

4. Waqt li tkun sejjer lura d-dar fuq it-trasport tal-iskola qiegħed tinnota li xi studenti qegħdin jaqbdu ma' sieħbek meta jkun bil-qegħda ħdejk. Dan qiegħed iwassal sabiex dan l-istudent ifalli ta' spiss l-iskola ħalli jevita milli jiltaqa' ma' dawn l-istudenti u b' hekk qiegħed jitlef ħafna lezzjonijiet. X'kont tagħmel inti f'sitwazzjoni bħal din? Kif tista' tgħinu?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(4)

5. Studenta li qegħda miegħek fil-klassi tonfoq il-flus kollha li jagħtuha l-ġenituri fuq ħwejjeġ, tant li ma jkolliex flus meta toħroġ mal-ħbieb. Ġieli titolbok tagħtiha xi flus għax ma jservuhiex u xi drabi ma tatihomlokx lura. Kif kont iġġib ruħek int f'sitwazzjoni bħal din?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(4)

**[Total: 20 marka]**

**Taqsima F**

**Aqra u wieġeb sew fl-ispazju provdut.**

**[Total 20 marka]**

**<u>It-Turiżmu</u>**

Meta nżuru pajjiżi barranin ninnotaw kemm hawn nies differenti b'kulturi differenti li tinkludi tradizzjonijiet, reliġjonijiet, storja u lingwi differenti. Dan kollu jagħmel parti mill-identita` nazzjonali tal-pajjiż li nżuru.

Kif it-turisti li jiġu Malta jissaħru bl-istorja kbira tagħna, meta jaraw is-swar li ħallewlna l-kavallieri jew il-festi li nħobbu niċċelebraw , hekk aħna nissaħħru meta nżuru pajjiżi fejn naraw xi veduti mill-isbaħ u tradizzjonijiet u kulturi mod ieħor minn tagħna.

Matul iż-żminijiet ħafna pajjiżi qegħdin isiru aktar multi-kulturali li tfisser nies ta' nazzjonalita` u razez differenti jibnu ħajja ġdida ġo pajjiż ieħor sabiex isibu xogħol jew ħajja aħjar minn dik ta' pajjiżhom. F'sitwazzjonijiet bħal dawn kull individwu jrid jissoċċjalizza ma' nies ta' razez differenti minn tiegħu u jitgħallem jgħix ma' ħaddieħor anke jekk dan iħaddan twemmin reliġjuż u politiku differenti minn tiegħu. Dan jirrekjedi impenn kbir minn kull individwu fejn hawn juri li jħaddan il-valuri tar-rispett u t-tolleranza lejn ħaddieħor.

Aħna bħala turisti waqt iż-żjara tagħna f' xi pajjiż multi-kulturali nistgħu nibdew napprezzaw kif nies ta' kultura u razza differenti isebbħu d-diversità ta' bejnietna.

1. Semmi erba' (4) kwalitajiet li fuqhom hi mibnija l- identità nazzjonali?

- ____________________________________________________________
- ____________________________________________________________
- ____________________________________________________________
- ____________________________________________________________

**(4 marki)**

2. X' tifhem bil-kelma diversità ?

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

**(4 marki)**

3. Agħti żewġ eżempji ta' kif nistgħu nuru rispett lejn nies ta' razza differenti minn tagħna.

- ______________________________
- ______________________________

**(4 marki)**

4. Semmi żewġ valuri importanti li għandna nimxu fuqhom.

- ______________________________
- ______________________________

**(4 marki)**

5. Semmi erba' (4) regoli li nitgħallmu waqt il-proċess tas-soċjalizzazzjoni.

- ______________________________
- ______________________________
- ______________________________
- ______________________________

**(4 marki)**

**Taqsima G**

**Agħżel WIEĦED mit-temi li ġejjin u ikteb madwar 100-150 kelma dwarha:**

1. L-identità tagħna tkun magħmula minn kwalitajiet u karatteristiċi differenti. Iddiskuti dawn il-kwalitajiet u karatteristiċi u agħti xi eżempji.

2. Spjega kif il-gruppi soċjali tal-familja u l-iskola jgħinuk tissoċċjalizza ma' ħaddieħor. Agħti eżempji mill-ħajja ta' kuljum.

3. Kull persuna għandha rwoli differenti fi gruppi differenti. Semmi żewġ gruppi li tagħmel parti minnhom u għid xi rwoli għandek. Semmi wkoll xi drittijiet u dmirijiet li għandek f'dan ir-rwol.

**[20 marka]**